# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ottubru 2018**

**Numru 14**
**Rikors numru 171/2014 JPG**

**Rosario Spiteri**

***v.***

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali**

1. Dan il-provvediment huwa dwar talba tal-konvenuti appellanti b'rikors tal-4 ta' Mejju 2018 biex issir korrezzjoni fl-isem tal-qorti li quddiemha tressaq l-appell. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Il-kawża nbdiet b'rikors magħmul taħt l-art. 22C tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi ["Kap. 101"][1]. Waqt is-smigħ tar-rikors inqalgħet

[1] »**22Ċ.** (1) Meta jkun sar ordni ta' konfiska taħt l-artikolu 22(3A)(*d*) ta' din l-Ordinanza, il-persuna misjuba ħatja, jew it-terza persuna msemmija f'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni għal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dħul mill-għemil ta' xi reat taħt din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aġġudikat minn qorti tal-ġustizzja kriminali) lanqas

kwistjoni dwar jekk xi disposizzjonijiet tal-Kap. 101 jiksrux id-dritt tal-attur imħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"] u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ["l-Ewwel Protokoll"].

3. B'sentenza tal-25 ta' Ottubru 2017, li minnha sar l-appell, l-ewwel qorti sabet ksur tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni u tal-Ewwel Protokoll, u l-konvenuti appellaw b'rikors tal-14 ta' Novembru 2017. Billi l-appell tressaq quddiem din il-qorti (il-Qorti Kostituzzjonali), il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni li l-appell huwa "irritu u null" għax kellu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell u mhux quddiem din il-qorti, kif igħid u jrid l-art. 34 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili[2].

4. Il-konvenuti ma jikkontestawx il-fatt li l-appell kellu jitressaq quddiem il-Qorti tal-Appell iżda jgħidu illi dan il-fatt ma għandux iwassal għan-nullità tal-appell għax l-iżball jista' jissewwa taħt l-art. 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Għalhekk b'rikors tal-4 ta' Mejju

---

proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk.

»(2) Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mhux iktar tard minn tliet xhur mid-data li fiha s-sentenza li tordna l-konfiska tkun saret finali u konkluživa.

»… … …«

[2] »**34.** Ħlief meta jkun hemm provdut mod ieħor f'dan il-Kodiċi jew f'kull liġi oħra, missentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jista' jsir appell lill-Qorti tal-Appell:

»Iżda fil-każijiet fejn kawża li tkun inbdiet permezz ta' rikors ġuramentat, u fejn ebda deċiżjoni espliċita ma tkun intalbet u ngħatat dwar l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni skont l-artikolu 95(2)(*d*) tal-imsemmija Kostituzzjoni, tkun ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza li fiha jkunu ġew diskussi u deċiżi punti ta' liġi dwar drittijiet fondamentali tal-bniedem jew referenzi għall-Kostituzzjoni bħala parti mill-meritu tal-kawża, il-Qorti tal-Appell għandha xorta waħda titqies li hija kompetenti u li għandha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi appell minn tali sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

2018 talbu illi l-qorti tordna korrezzjoni fir-rikors tal-appell b'mod illi, fejn jidher l-isem tal-qorti li fiha tressaq l-appell, flok "Fil-Qorti Kostituzzjonali" jitniżżel "Fil-Qorti tal-Appell".

5. L-attur jopponi għat-talba għax igħid illi l-art. 175 ma jagħtix lill-qorti s-setgħa li tordna l-korrezzjoni mitluba mill-konvenuti.

6. Id-disposizzjoni relevanti hija dik tal-art. 175(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> »**175.** (2) Kull qorti fi grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti, f'kull żmien sas-sentenza, li jissewwa kull żball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell jew fit-tweġiba, kif ukoll kull żball fl-isem tal-qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalità li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata:
>
> »Iżda kull qorti fi grad ta' appell tista' tordna wkoll korrezzjonijiet fis-sentenza tal-qorti tal-ewwel istanza u korrezzjonijet oħra li l-qorti fi grad ta' appell tqis li huma ġustifikati fl-atti ġudizzjarji fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri fl-appell sa meta l-appell jitħalla għas-sentenza, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet, u wara li tagħti lill-partijiet l-opportunità li jinstemgħu:
>
> »… … … «

7. Tassew illi l-liġi tgħid illi jista' jissewwa "kull żball fl-isem tal-qorti li tkun tat is-sentenza appellata", u ma tgħidx ukoll illi jista' jissewwa żball fl-isem tal-qorti li quddiemha jkun sar l-appell. Madankollu l-liġi tgħid ukoll illi jista' jissewwa "kull żball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell", bħal ma ġara fil-każ tallum. Il-kelmiet "kull żball" juru illi din id-disposizzjoni ma għandhiex tingħata interpretazzjoni stretta.

8. Il-konvenut iżda jgħid illi ladarba l-appell ma nġiebx validament quddiemha, il-qorti ma għandha ebda setgħa tordna korrezzjoni fl-atti.

9. Relevanti għal dan l-argument huma d-disposizzjonijiet tal-*proviso* għall-art. 741(*b*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jgħid illi:

> »… jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni [tal-inkompetenza] hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet *in camera*, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża.«

10. Dan juri ċar illi l-qorti, ukoll jekk ma jkollhiex kompetenza fuq il-meritu tal-kawża, għandha s-setgħa tordna li l-atti jintbagħtu quddiem il-qorti li tkun kompetenti. Ma jagħmilx sens li l-atti li jintbagħtu lill-qorti kompetenti jkomplu juru li l-appell sar quddiem qorti oħra li ma hijiex kompetenti, u għalhekk għal din ir-raġuni wkoll huwa impliċitu illi l-qorti għandha s-setgħa tordna l-korrezzjoni mitluba mill-konvenuti.

11. Barra minn hekk, l-art. 789 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, dwar l-eċċezzjoni ta' nullità ta' atti ġudizzjarji, igħid illi l-att ikun null jekk "jinħareġ" minn qorti mhux kompetenti, u mhux jekk jitressaq quddiem qorti mhux kompetenti.

12. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' t-talba magħmula mill-konvenuti u tordna illi fir-rikors tal-appell, fejn tniżżel l-isem tal-qorti li quddiemha sar l-appell, jitħassar il-kliem "Fil-Qorti Kostituzzjonali" u jitniżżel, minflok, il-kliem "Fil-Qorti tal-Appell". Konsegwentement tiċħad l-eċċezzjoni ta' nullità tal-appell.

13. Tordna wkoll illi l-atti jintbagħtu quddiem il-Qorti tal-Appell biex jitkompla s-smigħ. Billi t-talba għall-korrezzjoni ġiet trattata waqt is-smigħ u l-kawża ġiet differita għallum għall-provvediment relativ, dan

il-provvediment qiegħed jingħata quddiem il-qorti bil-miftuħ, flok *in camera* kif irid l-art. 741.

14. Għalkemm it-talba tal-konvenuti ntlaqgħet u l-oġġezzjoni tal-attur ġiet imwarrba, huwa xieraq illi l-ispejjeż ta' dan l-episodju jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet billi kien imqanqal minn żball tal-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df